**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Numru 2317**

Kaz Nru: 2790 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Ashley Bondin Carter u bil-verbal tad-19 ta' Settembru, 2013, gie sostitwit b' Ashley Bondin

u

Louise sive Louisa Cesare

Illum : 23 ta' Ottubru, 2014

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr Claudio Zammit fit-18 ta' Mejju 2010 f'isem ir-rikorrenti, Ms Ashley Bondin Carter. Dan it-Tribunal beda taht ic-Chairman is-Sur George Borg Cardona fl-4 ta' Ottubru 2010 u ghadda lic-Chairman prezenti fid-9 ta' Mejju 2013.

Fir-rikors ir-rikorrenti tenniet li meta dahlet ghax-xoghol fis-6 ta' Frar 2010, Ms Louise Cesare, proprejtarja tal-Hairdressing Salon fejn tahdem ir-rikorrenti, giet infurmata mill l-istess intimata illi kienet ser titkecca ghar-raguni li allegatament ir-rikorrenti kienet qed tahdem xoghol privat ta' 'hairdressing' ghal klijenti ta' l-intimata Ms. Louise Cesare.

Ir-rikorrenti cahdet din l-akkuza u ghaldaqstant qed titlob lil dan it-Tribunal, jiddikjara tkeccija ngusta u li jittiehdu l-mizuri kollha skond il-ligi nkluz kumpens.

Da parti taghha l-intimata Ms Louise Cesare b'risposta ghar-rikors tar-rikorrenti ddikjarat li mill-ewwel gurnata tax-xoghol, ir-rikorrenti ma kellhiex taghmel xoghol ghal rasha jew privat ghal klijenti tal-hanut ta' Ms Louise Cesare.

Illi minkejja li r-rikorrenti fehemet u sqarret li taqbel hija xorta kienet qieghda tiehu l-klijenti tal-hanut billi toffrilhom servizzi ta' 'hairdressing' gewwa r-residenza taghha a skapitu ta' Ms Louise Cesare. Ms Louise Cesare sostniet ukoll li ghandha xhieda ta' dan. L-intimata kompliet tiddikjara li ghaldaqstant ma' setghetx tippermetti li dak kollu li hadmet ghalih jigi uzuprat mir-rikorrenti u kien ghalhekk li l-impjieg gie tterminat u li r-raguni hija valida u skond il-ligi u li m'hemmx raguni ta' ebda kumpens u li t-Tribunal ghandu jichad t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

**<u>Fatti</u>**

Ir-rikorrenti bdiet tahdem ma' Ms Louise Cesare bhala 'hairdresser' full-time, mit-2 ta' Jannar 2007. L-Impjieg gie tterminat fis-6 ta' Frar 2010.

Dokumenti relevanti kienu nieqsa f'dan il-kaz. Kuntratt tax-xoghol jidher li na kienx hemm wiehed finali.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrenti, Ms Louise Cesare, Rosario Busuttil – missier Ms Louise Cesare, Josefa Camilleri – l-gharusa ta' hu Ms Louise Cesare, Carol Farrugia – klijenta, Glorianne Bugeja – klijenta, Carmelina Cumbo – Hairdresser, Robert Bondin Carter- hu r-rikorrenti, Dorianne Cini – klijenta.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk il-provi jwasslux ghal dak li ddikjarat Ms Louise Cesare illi r-rikorrenti kienet qed taghti servizz ta' 'Hairdressing' lil klijenti ta' Ms Louise Cesare u ta' fejn kienet tahdem l-istess rikorrenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal se jezamina x-xhieda li hija l-unika soluzzjoni ghal dan il-kaz.

Punti fil-qosor ta' l-aktar xhieda relevant se jsegwu kif gej.

Ms Louise Cesare xehdet li kienet self-employed go Hairdressing Salon u li fis-sena 2006 impjegat lir rikorrenti fuq kuntratt, kif sejhitlu hi, verbali. Hi kienet tistma lir-rikorrenti qisha ohta. Rigward il-kuntratt hekk imsejjah verbali hi qalet lir-rikorrenti biex jahdmu bhal ahwa u peress li r-rikorrenti kienet taghmel xi xoghol ta' hairdressing privat, Ms Louise Cesare qaltilha biex jekk trid tkompli taghmlu mbasta ma tiehux klijenti taghha. Ms Louise Cesare qalet li l-inkwiet beda meta r-rikorrenti bdiet tohrog ma' hairdresser vicin li jismu Angelico Bondin.

Qalet li baghtiet hafna biex tibni l-klijentela li kellha. Ir-rikorrenti bdiet turi certu superjorita u subordinazzjoni. Meta kienu jcemplu klijenti ghal appuntament wara l-erba' ta' wara nofs in-nhar hafna drabi ma kienetx taccetthom u klijenti kienu jghidu lil Ms Louise Cesare li tafdha wisq lir-rikorrenti.

Meta Ms Louise Cesare kienet tqila u kellha t-tarbija l-hanut kien kwazi kollox f''ídejn ir-rikorrenti u x-xoghol beda jonqos sew. Skond Ms Louise Cesare l-volum beda jonqos u mhux in-nies. Ir-rikorrenti kienet tghidilha li 'mhix fil-but tan-nies'. Ms Louise Cesare qalet li kienet 'beccun' u 'tibla kollox u rieder tiehu azzjoni u tibda ssegwi aktar sew x'qed jigri. Ms Louise Cesare xorta kienet tara klijenti b'xaghrom sew u ma jigux il-hanut. Ms Louise Cesare segwiet lir-rikorrenti bil-karozza ghal hmistax-il gurnata ma' missiera u l-gharusa ta' huwha. Innotat li klijenti kienu jmorru ghandha jew kmieni filghodu jew tard. Fosthom wahda Glorianne Bugeja u li r-rikorrenti kienet taghmel xahar il-familja kollha u li toqghod Marsaxlokk. Semmiet ukoll lil Carol Farrugia li gara l-istess.

Ms Louise Cesare ma felhetx aktar u ddecidiet li tkellimha dak in-nhar stess wara li ratha diehla ghand Glorianne Bugeja.

Fl-ahhar tal-gurnata Ms Louise Cesare qalet lir-rikorrenti biex tkellimha u bdiet billi talbitha c-cwievet tal-hanut u qaltilha li ma tistax tafdha aktar. Qaltilha li qed tohdilha n-nies u semmiet fejn kienet qed tmur kmieni filghodu u filghaxija. Skond Ms Louise Cesare, r-rikorrenti ma nneggatx. Qalet li marret tiehu cafe'. Ir-rikorrenti, dejjem skond Ms Louise Cesare, bdiet taghjjarha u telqet. Jumejn wara ltaqghu, taghtha l-ahhar paga u telqet. Ma l-ETC it-tkeccija kienet registrata fuq 'dixxiplina'. Wara saru xi arrangamenti biex tkun tista tirregistra.

Fil-kontro ezami taghha Ms Louise Cesare qalet li s-suspetti kienu ilhom ghaddejjin kwazi sentejn jigifieri min meta harget tqila. Ms Louise Cesare qalet li numru ta' klijenti kienu jigu darba f'xahar jaqtghu u jizbghu xarahom u 'blow dry' izda naqsu milli jmorru l-hanut kull gimgha ghal blow dry ghax kienet tmurilhom ir-rikorrenti d-dar.

Ms Louise Cesare qalet li gieli semghat klijenti jistaqsu lir-rikorrenti biex tmur id-dar taghmilhom ghal 'blow dry'. Ms Louise Cesare ukoll ikkonfermat li meta segwiet lir-rikorrenti ghand klijenti, dawn kienu ilhom zmien twil bhala klijenti. Ms Louise Cesare qalet ukoll li kienet self-employed zghira u ghalhekk ma ghamlitx kuntratt bil miktub u li ma kienetx aggornata fuq proceduri ta' dixxiplina bhal hrug ta' warnings.

Rosario Busuttil, missier Ms Louise Cesare xehed li kemm il-darba ra lir-rikorrenti Marsaxlokk ghand klijenta u dan kien meta r-rikorrenti kienet ghadha tahdem ma' bintu. Kien ilu jarha ghal sena u nofs. Gharaf ukoll il-karozza tar-rikorrenti l-aktar kull nhar ta' Sibt. Qal li meta darba daqqilha l-horn meta raha hi kienet qisha 'rat ix-xjaten'.

Josefa Camilleri, l-gharusa ta' hu Ms Louise Cesare xehdet li kienet cemplitilha Ms Louise Cesare biex immorru jsegwu lir-rikorrenti z-Zurrieq wara li Ms Louise Cesare spjegatilha s-suspetti li kellha. Kien il-gimgha fis-7 ta' filghaxija fis 6 jew 7 ta' Frar 2010. Huma raw il-karozza tar-rikorrenti pparkjata fejn id-dar ta' klijenti li kienu jigu l-gimgha l-hanut. Il-klijenti kienu Nena u Caroline Farrugia. L-ghada s-Sibt, marru Marsaxlokk u wkoll raw lir-rikorrenti diehla 'bil-basket' ghand Glorianne Bugeja. Ms Louise Cesare wkoll irceviet sms li r-rikorrenti se tittardja ftit ghax-xoghol.

Xehdet ukoll Glorianne Bugeja. Hi qalet li kienet taf kemm lil Ms Louise Cesare u anke lir-rikorrenti. Qalet li qabel Frar 2010 ir-rikorrenti darba biss marret id-dar taghha biex taghmillha xagharha f'Dicembru 2009. Dan ghamlitu bi pjacir ghax kellha tieg il-Hadd. Lil Ms Loiuse Cesare b'dan ma qaltilhiex. Wara saret klijenta fissa tar-rikorrenti u li x-xoghol isir id-dar ta' Bugeja.

Dorianne Cini xehdet li hi, ohta u omma kienu jmorru jaghmlu xahrom ghand Ms Louise Cesare ghal xi erba' snin. Cini qalet li rikorrenti marrret xi erba darbiet ghandha imma ma specifikatx meta u ghall-ewwel qalet li qatt ma marret. Qalet ukoll li issa la tmur ghand Ms Louise Cesare u lanqas ghand ir-rikorrenti.

Xehed Robert Bondin Carter, hu r-rikorrenti. Qal li kien mar ghand Ms Louise Cesare b'karta ta' l-ETC biex tiffirmha Ms Louise Cesare ghax kien hemm zball f'xi data. Ir-rikorrenti ma kienetx komda tmur hi. Wara Ms Louise Cesare kellmitu barra waqt li bdiet tibki u qaltlu li ma xtaqitx li l-affarijiet kienu spiccaw hekk u qaltlu li probabbli ma kienetx problema ghar rikorrenti li ssib xoghol. Fit-tieni xhieda tieghu Carter ma gharafx kopja tal-karta (ittra) li ffirmatlu Ms Louise Cesare.

Carmelina Cumbo xhedet li kienet tahdem ma' Ms Louise Cesare wara t-tkeccija tar-rikorrenti. Qalet li meta Ms Louise Cesare kienet honeymoon kienet semghet min klijenti li l-gharus tar-rikorrenti kien jigi jahdem mar-rikorrenti fil-hanut ta' Ms Louise Cesare. Dan ghandu hanut ta' hairdresser qrib hafna l-hanut ta' Ms Louise Cesare. Semghet ukoll li lil certu klijenta Catherine r-rikorrenti kienet taharqilha xahra u li gieli kienet taqbad u taghlaq il-hanut. Cumbo qalet li rikorrenti milli semghet ir-rikorrenti kienet bdiet tajjeb imma wara bdiet sejra hazin.

Fil-kontro-ezami Ms Louise Cesare xehdet li kienet saret taf lir rikorrenti meta kellha 14 il-sena u kienet studenta. Wara mpjegata full-time meta kellha xi 18. Damet tlett snin fl-impjieg. Bdiet tajjeb, ghax hi kienet tajba, imma f'nofs l-impjieg l-affarijiet bdew sejrin lura, kompliet Ms Louise Cesare. Kuntratt ta' xoghol propju ma sarx u qatt ma taghtha warning bil-miktub. Kienet twissijha verbalment. Ms Louise Cesare qalet li r-rikorrenti kienet tkun negligenti mal-klijenti l-aktar meta Ms Louise Cesare kienet tqila u wara li weldet matul filghodu ma kienetx tmur il-hanut. Gieli l-klijenti kienu jsibu l-hanut maghluq ghax kienet tmur ghand l-gharus li kellu 'hairdressing salon' vicin. Dan kien isir xi sena qabel it-ttkeccija. Ms Louise Cesare qalet li kienet hanina mar-rikorrenti u kienet timxi b'qalba u mhux b'mohha u ghalhekk ma haditx azzjoni drastika mill-ewwel. Ix-xoghol beda jmur lura u l-klijenti jonqsu. Ovjament dan minhabba kif spjegat fuq u aktar u aktar meta kienet tmur taghti servizz fid-djar tal-klijenti. Ms Louise Cesare anke semmiet xi klijenti bísimhom. Certu klijenti qatghu ghal kollox u ohrajn kienu baqghu jigu l-hanut imma mhux spiss bhal qabel ghax kienu moqdija mir-rikorrenti fid-djar specjalment fejn jidhol 'il-blow-dry'.

Meta Ms Louise Cesare iffacjat lir-rikorrenti, kien is-Sibt, li hi (ir-rikorrenti) kienet qed tmur ghand il-klijenti d-dar, din bdiet taghajjat u taghjjar lil Ms Louise Cesare, qabdet il-paga u telqet u ma gietx lura jumejn. Ms Louise Cesare it-Tnejn marret l-ETC biex tirregola t-tkeccija. Ir-rikorrent jidher li kienet diga nfurmat lid-Dipartiment tax-xoghol u talbet in-notice money. Ms Louise Cesare kompliet tghid li hi spjegat lil ETC li keccieta b'dixxiplina u allura ma japplikax in-notice money. Wara Ms Louise Cesare rceviet notice li r-rikorrent kienet se tiehu l-kaz fit-Tribunal Industrijali.

Ir-rikorrenti xehdet li ma kienx hemm kuntratt izda l-impjieg sar skond il-ligi ma l-E.T.C., l-impjieg kien full-time.  Ir-rikorrenti qalet li kienet mizzewga u zewgha kien hairdresser go Hal-Ghaxaq stess.  Ir-rikorrenti qalet li ghamlet xoghol fid-djar bhal xi tieg u kienet tavza lill Ms Louise Cesare.  Meta Dr Claudio Zammit spjegalha li xi klijenti xehdu li kienet tmur ghandhom, ir-rikorrenti qalet li vera kienet tmur ghand nies li jigu minnha u ghand hbieb.

Fil-kontro-ezami r-rikorrenti kkonfermat li ghalkemm ma kienx hemm kuntratt Ms Louise Cesare kienet qaltilha li l-klijenti tal-hanut u ma setghawx ikun klijenti privati tar-rikorrenti. Meta t-Tribunal staqsa r-rikorrenti jekk apparti familjari u hbieb kienetx tmur ghand klijenti ohra fid-djar hi qalet iva, 'xi wahda jew tnejn'.

Fit-Trattazzjoni finali, fil-qosor, Dr Cuschieri tenna li ghalkemm ma kienx hemm kuntratt tax-xoghol, Ms Louise Cesare ghamlitha kundizzjoni cara mar-rikorrenti li ma setghetx tiehu klijenti taghha.  Mix-xhieda rizulta car li din il-kundizzjoni giet miksura sfaccatament bil-provi u li ghaldaqstant inkisret il-fiducja kollha.  Apparti dan,  ir-rikorrenti kienet qed titraskura, bil-kbir ix-xoghol.  Kienet tiftah tard u taghlaq il-hanut f'certu hinijiet biex tmur fil-hanut ta' l-gharus taghha.Ghaldaqstant Ms Louise  Cesare ma setghetx tafdha aktar lir-rikorrenti.

Min naha tieghu Dr. Claudio Zammit qal li t-tkeccija saret minghajr tip ta'avviz jew warning minn qabel.  Illi ma kienx hemm xi haga bil miktub li r-rikorrenti ma setghetx taghmel xoghol privat u li kienet ilha minn hafna qabel taqdi xi parentela u hbieb.  Kompla li Ms Louise Cesare hadet   in-konsiderazzjoni re-relazzjoni li r-rikorrenti kellha ma 'hairdresser' kompetitur u li dan ukoll intuza b'mod indirett fuq it-tkeccija u li mhux gust li sar hekk.

Dan permess, it-Tribunal jikkunsidra u jiddeciedi li:

Wara li ezamina ix-xhieda, li kienu l-qofol ta'dan il-kaz, it-Tribunal jaghraf li r-rikorrenti kienet qed taqdi privatament klijenti tas-Sinjura Louise Cesare.  Dan hareg car mill-provi nkluz li kien hemm ftehim verbali fuq dan.  Izda, anke jekk ma kienx hemm ftehim dan qatt m'ghandu jsehh minn impjegat fil-konfront tal-principal.  Kien hemm ukoll certi abbuzi ohra serji li hargu mill-provi li l-Tribunal kellu jikkunsidra.

It-Tribunal iffakkar, anke b'mod generali, li principal ikun ferm ahjar li jipprepara kuntratt ta' xoghol dettaljat u bi klawsoli specifici li f'dan il-kaz kien nieqes.  Kienu ukoll neqsin twissijiet bil-miktub izda t-Tribunal jaghraf li r-ragunijiet li wasslu ghat-tkeccija kienu serji hafna u jissuperaw il-procedura ta' twissijiet min qabel.

Ghaldaqstant, mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi li t-tkeccija kienet  wahda gusta.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-ligijet ta' Malta rigwardanti d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja